

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-12 ta' Frar 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Törvényszék – l-Ungerija) – Nóra Baczó, János István Vizsnyiczai vs Raiffeisen Bank Zrt**

(Kawża C-567/13)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tal-konsumatur — Direttiva 93/13/KEE — Artikolu 7 — Kuntratt ta' kreditu immobiljari — Klawżola ta' arbitraġġ — Natura inġusta — Rikors tal-konsumatur — Regola proċedurali nazzjonali — Nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-qorti adita bir-rikors intiż sabiex tiġi kkonstatata l-invalidità ta' kuntratt standard imfassal minn qabel ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' t-talba tal-imsemmi konsumatur intiż sabiex tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li jinsabu f'dan l-istess kuntratt)

(2015/C 118/11)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

### **Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Törvényszék

### **Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Nóra Baczó, János István Vizsnyiczai

Konvenuta: Raiffeisen Bank Zrt

### **Dispożittiv**

L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13 KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli ingasti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jippreklidix regola proċedurali nazzjonali li skontha qorti lokali li għandha ġurisdizzjoni sabiex tiddeċċiedi dwar ir-rikors ta' konsumatur intiż sabiex tiġi kkonstatata l-invalidità ta' kuntratt standard imfassal minn qabel ma jkollhiex ġurisdizzjoni sabiex tisma' t-talba tal-imsemmi konsumatur intiż sabiex tiġi kkonstatata n-natura inġusta ta' klawżoli kuntrattwali li jinsabu f'dan l-istess kuntratt, ħlief jekk jirriżulta li l-astensjoni tal-qorti nazzjonali toħloq xi inkonvenjenzi proċedurali ta' natura li jirrendu eċċessivament diffiċċi l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħiġi lill-konsumatur mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni Ewropea. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tagħmel il-verifiċċi neċċessarji f'dan ir-rigward.

<sup>(1)</sup> ĠU C 71, 08.03.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Id-Disa' Awla) tat-12 ta' Frar 2015 (talba għal deċiżjoni preliminari tas-Supremo Tribunal Administrativo – il-Portugall) – Surgicare – Unidades de Saúde SA vs Fazenda Pública**

(Kawża C-662/13)<sup>(1)</sup>

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Tranżazzjonijiet li jikkostitwixxu prattika abbużiva — Dritt fiskali nazzjonali — Proċedura speċjali nazzjonali f'każ ta' suspecti relatati mal-eżistenza ta' prattiki abbużivi fil-qasam fiskali — Princípiji ta' effettività u ta' ekwivalenza)

(2015/C 118/12)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

### **Qorti tar-rinviju**

Supremo Tribunal Administrativo